# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Gunju 2001**

**Numru 1**

**Avviz.  numru 8/00mm**

**Alfred Attard Stellini**

**vs**

**Karen Bonnici**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attur fil-5 ta' Jannar 2000 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta li thallas lill-istanti s-somma ta' Lm899.55c danni mgarrba mill-attur f'habta li grat fil-5 ta' Novembru 1999 fil-limiti taz-Zejtun bejn car Lada nru EAE 221 misjuqa mill-istanti u Fiat Uno nru IAD 981 misjuqa mill-konvenuta prevja dikjarazzjoni li hija kienet responsabbli ghall-incident u danni minhabba mprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez komprizi Lm11.50 ta' ittra u konsult, dawk ta' ittra ufficjali tal-5 ta' Jannar 2000 ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-Avviz kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li l-incident awtomobilistiku ma sehhx tort tal-eccipjenti izda unikament tort tal-attur minhabba mperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess attur hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk id-danni ghandhom jigu sopportati minnu.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni stradali illi grat fit-triq tal-Barrani limiti ta'Santa Lucija fil-5 ta' Novembru 1999 fis-sitta neqsin kwart ta' filghaxija bejn il-karozza EAE 221 tal-ghamla Lada u l-karozza IAD 981 tal-ghamla Fiat Uno. Iz-zewg vetturi kienu qieghdin jinstaqu fl-istess direzzjoni lejn Santa Lucia u l-

karozza ta' l-attur baqghet diehla fuq in-nahha ta' wara tal-karozza tal-konvenuta.

L-attur xehed illi huwa kien qieghed isuq fid-direzzjoni ta' Santa Lucia b'velocita' ta' cirka 20 k.f.s. Meta wasal hdejn il-junction li taghti ghal Hal Ghaxaq harget il-konvenuta minn fuq ix-xellug tieghu u gibdet ghall-outer lane. L-attur ghafas il-brake, gibed lejn ix-xellug biex jipprova jevita dan l-incident, izda ma rnexxielhux u baqa diehel fuq in-nahha ta' wara tal-karozza misjuqa mill-konvenuta. Innega li huwa l-ewwel habat mas-center strip izda qal li huwa kien sejjer lejn il-mechanic peress illi kien inqatalu l-cable tal-gass.

Il-konvenuta minn nahha l-ohra tghid illi waslet fit-tarf tat-triq li taghti ghal Hal Ghaxaq u hemm hekk waqfet wara l-stop sign biex tesplora t-triq. Meta rat li fuq in-nahha tal-lemin ma kien gej hadd, hija harget u zammet fuq l-inner lane. Saqet xi distanza u mbaghad f'daqqa wahda tisma brake qawwi u daqqa fuq il-karozza taghha fuq wara. Bid-daqqa, l-karozza dahret darbtejn,qabzet is-center strip u giet thares lejn Bir id-Dehed fid-direzzjoni opposta.

Ix-xhieda prodotti kemm mill-attur kif ukoll mill-konvenuta kollha kkorroboraw l-istess versjonijiet moghtija mis-sewwieqa.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti trid bilfors iddur ghall-isketch li hemm esebit f'dawn l-atti a fol 23. Jibda

biex jinghad illi wara l-karozza ta' l-attur hemm 25metru brake marks. Dana jissarfu f'velocita' ferm aktar minn 20k.f.s., huwa aktar vicin is-60km milli haga ohra. Xi xhin hi pero' dina hija velocita' permessibbli ghal din il-parti tat-triq. Il-brake marks jidhru gejjin mill-outer lane ghal go l-inner lane.

L-attur spjega li huwa nhasad u gibed lejn ix-xellug biex jipprova jevita l-incident, pero' ukoll jidher li l-hgieg imkisser qieghed bejn iz-zewg karreggjati. Minn nahha l-ohra, dana jpoggi aktar kredenza fil-versjoni moghtija mill-konvenuta meta tghid li hija zammet fuq l-inner lane. Il-hgieg pero' jidher li huwa mferrex sew u jidher li huwa aktar lejn nofs it-triq milli f'xi lane partikolari.

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk skartata t-teorija ta' xi sewqan eccessiv da parti ta' l-attur, il-Qorti trid tistudja dwar ir-responsabbiltajiet partikolari li kellhom is-sewwieqa fl-isfond tas-sitwazzjoni li kienu jinsabu fiha. Ma hemmx dubbju li l-konvenuta kellha oneru aktar qawwi mill-attur sabiex tesplora t-triq u tassigura li hija tista tohrog fuq triq principali minghajr xkiel ghall-karozzi li kienu qieghdin juzaw din l-istess triq. Il-konvenuta xehdet li qabel ma harget fit-triq principali harset lejn il-lemin u ma rat lil hadd. Il-Qorti difficli temmen kif dana jista jkun jekk wara biss tletin metru sar dan l-incident.

Din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet sabiex tesprimi ruhha fuq dan il-punt li meta s-sewwieq ighid li hares u ma ra xejn u wara ftit isir incident, jidhrilha li hija l-ahjar dikjarazzjoni ta'

awtokolpevolezza li sewwieq jista jaghmel, peress illi l-karozza l-ohra ma gietx mis-sema,fit-triq kienet f'posizzjoni ben visibbli lill-konvenuta. Ma hemmx dubbju, li l-junction minn fejn harget l-istess konvenuta taghti viswali fit-tul hafna lejn il-lemin u ma kellha l-ebda raguni biex ma tindunax bil-presenza tal-karozza misjuqa mill-attur daqshekk vicin taghha. Skond l-isketch l-entratura ta' Hal Ghaxaq hija biss 31metru lura fejn gara l-incident u ghalhekk dawn il-wiehed u tletin metru kienu ser jigu koperti fi frazzjoni ta' sekonda mehud inkonsiderazzjoni l-velocita' li biha tinsaq karozza, ghalhekk jekk il-konvenuta harset sew, kienet ser tinduna bil-karozza ta' l-attur daqshekk vicin taghha u forsi kienet toqghod lura u ma tohrogx qabel ma tghaddi din il-karozza. Veru illi l-konvenuta qalet li zammet lejn ix-xellug u ma kienetx sejra taqsam l-*stream of traffic* illi hemm fuq il-main road, pero' jibqa' l-fatt illi anke biex tokkupa din il-lane ta' gewwa xorta tista tkun f'posizzjoni illi tkun ta' ostakolu ghal xi hadd.

Din il-Qorti ma tahsibx illi l-attur biddel id-direzzjoni tal-karozza tieghu biex jibqa diehel dritt fuq il-karozza tal-konvenuta. Huwa spjega l-angolu tal-brake marks, ghal fatt li huwa gibed proprju lejn dik id-direzzjoni sabiex jevita l-karozza misjuqa mill-konvenuta pero' ma rnexxielhux u gara l-impatt. Il-hsarat subiti fil-karozza tal-konvenuta jidhru estensivi, tant illi gew dikjarati *"beyond economical repair".* Dawn huma konformi ma' daqqa kbira fuq in-nahha ta' wara ta' l-istess karozza kkawzata b'momentum daqsxejn elevat fejn allura tispjega illi l-velocita' ta' l-attur kienet aktar vicin is-sittin kilometru fis-siegha milli fil-fatt qal hu. Xi xhin hi pero', il-kawza ta' dan l-incident ma kienetx ser

tkun xi velocita' eccessiva da parti ta' l-attur izda ghan-nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da aparti tal-konvenuta meta dina qabdet u harget minn side road ghal fuq main road minghajr ma hadet il-prekawzjonijiet necessarji (ara Pulizija vs Paul Borg Vol XXX VI pt1 pg797). Ghal dawk li huma d-danni b'verbal maghmul fis-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2000, il-partijiet qablu li huma ma kienux  qed jikkontestaw il-quantum tad-danni reklamat mill-attur.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenuta li thallas lill-attur is-somma ta' Lm899.55c danni mgarrba mill-attur f'habta li grat fil-5 ta' Novembru 1999 fil-limiti taz-Zejtun bejn car Lada nru EAE 221 misjuqa mill-attur u l-car Fiat Uno nru IAD 981 misjuqa mill-konvenuta. Dana wara li l-Qorti tiddikjara l-istess konvenuta hi responsabbli ghal dan l-incident minhabba mprudenza, negligenza, u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku. Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenuta.

Anthony Zammit

Dep Reg